MALTA

# **QORTI TA' L-APPELL** KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**

**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 89/2013

Il-**Pulizija**

**Kontra**

**Omissis**

**u**

**Simona Vella**.

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Simona Vella ta' 16-il sena bint Anthony Patrick u Maria Rita nee Vella imwielda tal-Pieta' u toqgħod Block P Flat 4 Triq Helen Buhagiar Santa Luċija u li għandha l-karta bin-numru tal-identita' 297094(M)

Akkużat talli fit-8 ta’ Diċembru 2010 bejn is-6.00pm u l-10.00pm fil-Floriana, bil-ħsieb li ttellef jew tnaqqas il-ġieh ta’ Silvio Zammit weġġgħatu bi kliem, b’ġesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod ieħor skont l-artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-7 ta’ Frar 2013 li biha hija lliberat lill-appellanti bil-kundizzjoni li ma tagħmel ebda reat ieħor fi żmine sitt shur u dan ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-appell intavolat fid-19 ta’ Frar 2013 li fih l-aggravji li ġejjin:

(1) Illi din hija kawża ta’ inġurja prosegwibbli fuq kwereal tal-parti leża skont l-artikoli 373 u 374 tal-Kap 9. Tali Prosekuzzjoni għandha titmexxa mill-kwerelant b’mod li l-Pulizija Esekuttiva ma tkunx parti fil-kawża.

(2) Illi l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra li l-animus injurandi huwa nieqes fil-każ in eżami. L-espressjoni użata mill-appellanta kienet biss twissija kontra ‘id-difiża’ tal-krudelta’ fuq l-annimali magħmula fil-mezzi tax-Xandir. L-esponenti kienet qed teżerċita d-dritt tagħha tal-espressjoni.

(3) Illi l-Ewwel Qorti injorat l-fatt li ċerti kliem aktar baxx minn ‘purċinell’ ma jikkostitwix inġurja gravi kif dedotta fl-artikolu 252 (1) imma hija biss inġurja sempliċi skont l-artikolu 252(2).

(4) L-Ewwel Qorti injorat id-difiża ta’ preskrizzjoni sollevata mid-difiża. L-allegat kliem inġurjuż intqal fit-8 ta’ Diċembru 2010 waqt li l-kwerela saret fis-26 t’April, 2011 fis-26 t’April, 2011.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Semgħet lis-Sur Silvio Zammit jgħid li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati huwa kien ħafer kemm lil Simona Vella kif ukoll lill-appellanti l-oħra li l-appell tagħha mar deżert.

L-Avukat tas-'sinjura l-oħra' kien qallu li wieħed jgħajjar lill-persuna 'purċinell' hija ħaġa normali.

Meta kien mistoqsi mill-Qorti sabiex għall-anqas jgħid x'kien ġara huwa qal li kienu bdew jgħajruh 'Silvio purċinell' kontinwament. Huwa qal li kritika fuq l-attivita' tiegħu hija aċċettabbli iżda mhux li jsir t-tgħajjir.

Fil-kontro-eżami huwa qal li kien hemm aktar minn żewġ persuni. Huwa qal li xi membri tal-Pulizija kienu marru jwaqqfuhom.

Mill-atti fil-proċess jirriżulta li s-sur Silvio Zammit kien għamel rapport kontra l-appellanti u persuna oħra. Dan huwa skont l-affidavit tal-Ispettur Pierre Micallef Grimaud. Fl-affidavit hemm referenza għad-data ta' meta sareet il-protesta iżda m'hemmx indikat b'mod ċar meta mar jagħmel ir-rapport is-Sur Silvio Zammit.

Miċ-ċitazzjoni jidher li l-ewwel data għas-smigħ kienet indikata bħala l-1 ta' Marzu, 2012 waqt li l-ispettur James Grechjidher li ffirma ċ-ċitazzjoni fit-28 t'April, 2011.

Mill-atti tal-kawża, mill-verbal a fol 3, jidher li l-kawża nstemgħet fl-1 ta' Marzu, 20**12** fejn kien xehed bil-ġurament l-istess Silvio Zammit. Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li m'għandheix aktar xhieda waqt li d-difiża ddikjarat li m'għandhiex xhieda.

Id-data l-oħra li tidher hija dik tad-29 ta' Marzu 2012 fejn l-Ispettur ma kienx preżenti.

Imbagħad fid-29 ta' Novembru, 2012, deher biss Dr.Victor Scerri għad-difiża.

Fis-7 ta' Frar, 2013 inqrat is-sentenza.

Ikkonsidrat

Dwar l-ewwel aggravju.

Mhux bilfors li l-prosekuzzjoni titmexxa mill-parti privata meta din tagħmel xi kwerela. Il-Pulizija xorta tista' tkun parti mill-kawża. L-effett li parti privata ma tkunx mexxiet hi, jekk l-imputat ma jinstabx ħati, jkun li l-parti privata ma tistax tappella. F'dak il-każ iridu jiddeċiedu l-Pulizija jekk hemmx każ ta' appell u jgħarrfu b'dan lill-Avukat Ġenerali. Imma mill-bqija, il-Pulzija tista' tmexxi l-kawża hija stess.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju.

Il-Qorti ser tqis it-tieni u t-tielet aggravju f'daqqa. Jirriżulta minn dak li xehed s-sur Silvio Zammit, li ntqal il-kliem 'Silvio Zammit purċinell' kontinwament mill-appellanti. Dan seħħ waqt dimostrazzjoni u b'reazzjoni għal dak li kien qal l-istess Silvio Zammit dwar li fiċ-ċirku ma jkunx hemm krudelta' mal-annimali.

Il-Qorti ħadet nota li s-sur Silvio Zammit kien ħafer lill-appellanti waqt li l-każ kien qed jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Iżda apparti minn maħfra, li persuna tgħajjar bneiodem 'purċinell, speċjalment f'dimostrazzjoni ta' disapprovazzjoni, ma tammontax għal xi inġurja. Il-kelma 'purċinell' hija ġenerika ħafna. Il-Qrati tagħna aċċettaw espressjonijiet li potenzjalment jistgħu jkunu aktar offensivi minn hekk u sabu li dawn jingħadu fuq kulħadd bla distinzjoni u għalhekk mhux inġurjużi. L-istess qed tikkonkludi din il-Qorti dwar din il-kelma 'purċinell' għaliex din il-klema tingħad għal kull ħaġa ta' xejn u mhux xi kelma li tattakka xi karateristika jew għemil spċejali li jintrabtu ma' persuna partikolari. Barra minn dan, fi sfond ta' protesta, kelma bħal din għandha tkun aċċettata f'pajjiż demokratiku u dan skont id-dritt tal-espressjoni ħielsa. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-appellanti mill-imputazzjoni dedotta kontra tagħha.

Għalhekk qed tilqa' it-tieni u t-tielet aggravju.

Dwar ir-raba' aggravju, il-Qorti qieset id-data tat-8 ta' Diċembru 2010, id-data tat-timbru tal-ispettur – dik tat-28 t'April, 2011. L-artikolu 252(1) iġorr piena ta' priġunerija għal mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa. F'dan il-każ, minħabba l-piena ta' priġunerija u tal-multa , l-artikolu 688(e) jgħid hekk:

'(e) bl-għeluq ta' tliet sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravenzjonijiet.'

Għalhekk jekk wieħed jimxi mal-imputazzjoni kif kienet, allura ċ-ċitazzjoni kienet irreġistrata fil-ħin. Mis-sentenza tas-7 ta’ Frar 2013 jirriżulta li l-Qorti ma sabitx il-ħtija taħt l-artikolu 252(2) iżda l-artikolu 252(1). Kienet tapplika l-preskrizzjoni għall-kontravenzjonijiet li kieku l-Qorti sabet ħtija taħt l-artikolu 252(2).

Iżda minħabba li din il-Qorti illiberat lill-appellanti minn kull ħtija, il-konsiderazzjoni ta’ dan l-aħħar aggravju hija waħda akkademika.

**Konklużjoni**

**Għalhekk il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-isem ‘Il-Pulizija kontra Simona Vella’ (biss minħabba li l-appell tal-persuna l-oħra kien dikjarat deżert) u konsegwentement qed tillibera lil Simona Vella minn kull piena u minn minn kull kundizzjoni li hemm kontemplata fl-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta’ Malta.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------